MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 355/2009/1

**Talba Numru: 355/2009/YMS**

**Abigail Cassar Aveta (KI:149788(M))**

**vs**

**Maurice de Gaetano li jezercita l-kummerc taht l-isem ta' Ditta "Lasalle Business College" u "Malta Marketing Institute"**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-3 ta' Marzu 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

***Ra** li t-talba tal-attrici hi ghal rifuzjoni ta’ somma ta’ mija, sitta u disghin liri Maltin (Lm196) u ta’ disa’ mitt ewro (€900.00) li hi ghamlet lill-konvenut, liema hlasijiet jirraprezentaw sentejn mizati ghal kors ta’ “management” ta’ tliet snin li kellu jkun akkreditat minn “The Chartered Institute of Management” fir-Renju Unit. Irrizulta wara li l-konvenut ma kienx ipprovda l-ewwel sena tal-kors b’tali akkreditazzjoni u naqas li jipprovdi t-tieni sena tal-kors. L-attrici zzid, fit-talba taghha, li l-konvenut ottjena l-ewwel pagament permezz ta’ mizraprezentazzjoni dwar l-akkreditazzjoni tal-kors u naqas li jadempixxi t-tieni sena tal-kors wara li rcieva t-tieni somma. Bl-ispejjes kontra lkonvenut.*

***Ra** r-risposta formulata hekk:*

*1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-attrici mhix intitolata ghar-rifuzjoni fl-ammont minnha reklamat izda hija intitolata biss ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ €480 illi (i) diga` giet lilha offerta permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Frar 2009 (Dok “A”); u (ii) qed tigi depozitata in intier taht l-Awtorita’ tal-Qorti permezz ta’ Cedola ta’ Depozitu kontestwalment ma’ din ir-risposta (Dok “B”)*

*2. Illi l-fatti esposti mill-attrici u li jikkostitwixxu l-bazi tat-talba taghha mhumiex korretti ghaliex ghalkemm ic-Chartered Institute of Marketing tal-Ingilterra, minn Frar tal-2009, ha decizjoni li jkunu biss validi c-Certifikati tieghu biex student jidhol fil-livell li jmiss, din id-decizjoni bl-ebda mod m’affettwat l-eligibbilta’ ta’ dawk li kienu ghaddew ghal-livell tal-Professional Diploma in Marketing fis-snin ta’ qabel, inkluza s-sens tal-grupp li l-attrici ffurmat parti minnu, u ghalhekk l-attrici ma sofriet ebda dannu jew pregudizzju.*

*3. Illi t-talba avvanzata mill-attrici tikkostitwixi xejn ghajr tentattiv palez sabiex hija tarrikkixxi ruhha indebitament ghad-dannu tar-rispondent u dan ukoll in vista tal-fatt li l-attrici kienet ikkunsmat ftit aktar minn 50% tal-programm peress li sakemm twaqqaf il-kors fi Frar 2009 kienu saru l-ewwel zewg moduli (Marketing Planning mid-29 ta’*

*Settembru sas-17 ta' Novembru) u Marketing Communications (mill-24 ta' Novembru sat-2 ta' Frar) u sahansitra kien inbeda t-tielet modulu (Marketing Management in Practice) u lahqu saru tliet sessjonijiet sas-16 ta' Frar.*

*4. Illi ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

***PROVI***

*A. L-attrici xehdet hekk:*

*Jiena kont skrevejt ghal kors bl-isem ta' Marketing Management Practice, Marketing Research and Information ma' La Salle College u jiena f'dan il-kors kont qed infittex li nottjeni diploma fil-Marketing. Irrid nispjega li l-kors kien maqsum fuq tliet snin. Fl-ewwel sena ggib certificate in Marketing, wara t-tieni sena ggib diploma in Marketing u wara t-tielet sena ggib id-degree in Marketing. Jiena lestejt l-ewwel sena fl-intier taghha imma meta kont qed naghmel it-tieni sena, f'nofsha l-kors gie mwaqqaf. Il-kors gie mwaqqaf mill-konvenut Maurice Degaetano. Fil-fatt qed nesebixxi issa kopja ta' ittra li jiena rcevejt minghand is-Sur Degaetano li qeghda tigi mmarkata Dok "ABCA 1", ittra tas-17 ta' Frar 2009. Wara dik l-ittra ma rcevejt xejn aktar minghand il-konvenut u naturalment jiena ma bqajtx nattendi ghall-kors. Il-konvenut gie offrieli biex immur skola ohra li hawn, hawn Malta pero' irrizultali illi din l-iskola wkoll kellha problema ta' licenzja. Irrid nghid li ghal dan il-kors jiena kont infaqt b'kollox, bl-ezamijiet inkluzi, madwar €1800. Ic-certifikati illi jiena ottenejt wara l-ewwel sena, jiena mort biex nipprezentah id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u nfurmawni li ma kienx qed jigi rikonoxxut. Fil-frattemp kont ilhaqt hallast il-fees tat-tieni sena u fl-ittra li kien bghattli s-Sur Degaetano kien qalli li kont se nircievi hamsin fil-mija tal-ispejjez pero` s'issa ghadni ma rcivejt xejn. Id-€960 imsemmija fl-avviz jirraprezentaw spejjez relatati mal-ewwel sena u l-Lm196 jirraprezentaw l-ispejjez li jiena lhaqt ghamilt fuq it-tieni sena. Jiena permezz tal-avukat tieghi kont ittantajt nibghat ittri registrati lill-konvenut pero` gew lura l-ufficcju ghax ma*

*kien hemm hadd biex jaccettahom. Qed nesebixxi dawn iz-zewg ittri bl-envelope tahhom li qeghdin jigu mmarkati rispettivament Dok "ABCA 2" u Dok "ABCA 3".*

*B. Fid-Dok "ACA 1" (a fol 19) il-konvenut qal, taht ir-ras Professional Diploma in Marketing:*

*With immediate effect we have stopped delivering all CIM programmes at this level.*

*Our focus is now very much on ensuring that CIM studying members can continue their studies with minimal disruption by transferring as soon as possible to another CIM Accredited Study Centre, either in Malta itself, or a distance learning provider based elsewhere.*

*The team at CIM are ready to provide every assistance. They are looking forward to hearing from you, as a matter of urgency. Please contact the Education Division at CIM, training@cim.co.uk or on telephone no. +44 (0) 1628 427200.*

*A cheque will be sent to you later this week (by registered post) with a refund of 50% of the provider's fees already paid. This amount represents the value of the last two modules; Marketing Management in Practice and Marketing Research & Information.*

*Data tal-ittra: 17.02.09*

*C.* ***Maurice Degaetano*** *qal in sucint, li l-attrici nkitbet ghal Professional post-graduate Diploma tac-Chartered Institute of Management. Bdiet f'Ottubru 2007 u fl-ewwel sena akademika ghaddiet mill-ezamijiet. Il-kors kellu jiehu tliet snin konsekutivi.*

*L-ewwel sena hu l-livell tac-Certifikat u tattendi darba f'gimgha lezzjoni ta' saghtejn; it-tieni sena hi tal-Professional Post-Graduate Diploma u tattendi darbtejn fil-gimgha, saghtejn kull darba, livell jiehdok ghal iehor.*

*Billi l-attrici kienet ghaddiet mill-ewwel sena, ic-Chartered Institute kien acceta l-applikazzjoni taghha biex tibda l-kors tal-Professional Diploma.*

*Ix-xhud kompla:*

*Li gara, ahna bdejna l-kors f'Ottubru, izda kien hemm ragunijiet ta' natura kummercjali fejn minhabba l-Competition Laws tal-Unjoni, ic-Chartered Institute hatru provider iehor barra li konna ahna. Jiena deherli li s-suq ma jiflahx b'zewg providers, fil-fatt tispicca titlef il-flus, ghax inti trid thallas lin-nies bil-Lm25.00c s-siegha biex taghmel dan il-kors li nies tal-Universita' jaghmluh u naturalment, jiena hadt decizjoni meta wasalna f'Jannar 2009, illi: kuntenti bl-iehor? Tuh kollox, la tajjeb daqsi, hux veru. U jiena qbadt, fil-fatt konna ftehmna biex ma nhawdux l-istudenti nlestu t-tieni module, bghatt ittra lis-sinjorina Cassar Aveta rceviet u ghidtilhom "Isma', ser naghtikom il-flus lura taz-zewg modules li ghadkom ma ghamiltux mieghi".*

*(Hawn saret riferenza ghad-Dok "ACA 1")*

*Meta l-attrici hallset 160 Sterlina ifisser li giet accettata ghat-tieni livell.*

*Fil-fatt il-kollegi kollha tal-attrici marru ghand il-konvenut u gabru flushom mentri minghand l-attrici ma sama' xejn. Dawn marru, imbaghad ghand il-"provider" l-iehor (EIE) li qabbad ic-Chartered Institute. Ghalliema li kienu mal-konvenut marru mal-EIE.*

*Il-konvenut zied: "… jien miniex niggieled mac-Chartered Institute. Jien li gara, kien hemm raguni kummercjali u ddecidejt naghmel stop". L-istudenti l-ohra kollegi tal-attrici baqghu ghaddejjin, jibnu fuq dak li ghamlu fl-iskola tal-konvenut.*

*Fuq parir tal-avukat tieghu, hu ddepozita fil-Qorti l-ammont li ried jaghti lill-attrici lura u dan ghamlu hekk kif finalment ircieva l-ittra taghha li damet iddur hafna f'indirizzi mhux proprji sakemm fl-ahhar waslet ghandu. Il-*

*quantum depozitat kien ekwivalenti ghaz-zewg modules li ma kienux saru. In kontro ezami qal li l-kuntratt li l-attrici kellha kien ma La Salle Institute ta' Success House, Oscar Zammit Street, Msida. Hu ta' kumpanija li hu shareholder taghha. Kien hu li ddecieda li La Salle Business College ma jibqax akkreditat mac-Chartered Institute of Marketing tal-Ingilterra. Hu ma qabadx u tefa' l-istudenti 'l barra. La hu waqqaf il-konnessjoni, isegwi li ma baqax akkreditat.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal ikkonsidra kif gej:-*

*1. L-attrici u l-konvenut (fil-kwalita' ndikata) kellhom kuntratt bejniethom konsistenti filli l-attrici tibda u* ***tkompli*** *kors ta' tliet snin fil-La Salle Business College akkreditat mac-Chartered Institute of Marketing u da parti tal-konvenut jipprovdi dan il-kors.*

*2. Gara li wara li spiccat l-ewwel sena b'success, u fil-bidu tat-tieni sena akademika, fi kliem il-konvenut "… billi kien hemm ragunijiet ta' natura kummercjali fejn minhabba l-competition Laws tal-Unjoni, ic-Chartered Institute hatru provider iehor barra li konna ahna, jien dehrli li s-suq ma jiflahx zewg providers, fil-fatt tispicca titlef il-flus …"*

*3. Il-konvenut allura ha decizjoni (meta wasal Jannar 2009), konsistenti filli jiehu kollox il-provider l-iehor "la tajjeb daqsi, hux veru"*

*4. Li kien imiss li jgharraf b'dan lill-istudenti li qalilhom li kien lest jirrifondilhom dik il-parti li kienu hallsu li tirraprezenta l-modules li kienu mhux ser jaghmlu mieghu.*

*5. Mela hawn gara li,* ***b'decizjoni unilaterali,*** *deskritta mill-konvenut bhala "kummercjali" hu raga' lura mill-kuntratt li kellu mal-istudenti li sabu ruhhom rinfaccjati b'fait accompli.*

*6. Dan kollu jfisser li l-attrici suppost kellha taccetta, nolens volens, dak li ddecieda l-konvenut ghalih u ghaliha*

*u dan ghax kummercjalment hekk kien jaqbel lill-konvenut.*

*7. Hawnhekk wiehed, b'sens ta' gustizzja jrid josserva li l-konvenut ma qabadx u ghalaq il-bieb f'wicc l-istudenti tieghu izda offra alternattiva izda dan ma jibdilx il-konsegwenza tad-decizjoni unilaterali li hu ha. Ifisser li hu ha l-prekawzjonijiet biex il-pozizzjoni ma tkunx aghar.*

*8. Hawnhekk ghandna tieni sena tal-kors li bdiet u ma tkomplietx. Minkejja kull assikurazzjoni tal-konvenut u l-mizuri li ha, dan kollu ma setax jitqies bhallikieku qatt ma gara xejn u bhallikieku r-relazzjoni kuntrattwali bejn iz-zewg partijiet qiesu qatt ma ntmisset.*

*9. Fil-fehma tat-Tribunal, l-attrici (minkejja dak li kkuntentaw bih studenti ohra li, wara kollox m'humhiex fil-kawza), ghandha dritt titlob ir-rifuzjoni ta' dak kollu li hallset fir-rigward tat-tieni sena, li giet interrotta bla ebda htija da parti taghha. Kollox, u mhux nofs kif offra l-konvenut.*

***DECIZJONI***

*Meqjus dak kollu msemmi, it-Tribunal jiddeciedi billi, anke b'sens ta' ekwita' wara li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici fis-sens li jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma biss ta' disa' mija u sittin ewro (€960) ghar-rigward tat-tieni sena ta' studju bl-imghax mid-data tal-ittra Dok "AC 1", jigifieri s-17 ta' Frar 2009 sal-jum tal-pagament effettiv u jikkundannah ukoll ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut appellant Maurice de Geatano ID Numru 205449 M datat 23 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat li minkejja li l-appellata Abigail Cassar Aveta giet notifikata bir-rikors tal-appell fil-25 ta' Marzu 2011, kif jidher *a tergo* ta' fol 5 tal-process, hi baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Paul Pullicino ghall-appellata, u l-appellant assistit minn Dr. Chris Cilia. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) fil-verita' t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal) laqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-appellant ghaliex l-ammont mitlub ma giex ordnat li jigi rifuz, ghaliex fil-fatt it-talba attrici kienet tinkludi s-somma ulterjuri ta' Lm196 u ghalhekk dan ghandu jigi rifless fl-ispejjez; (2) fil-fatt jirrizulta li ghalkemm l-appellant minhabba ragunijiet li huwa ddeskriva barra mill-kontroll tieghu, huwa kellu jwaqqaf f'nofsu il-programm ghat-tieni sena tal-kors u allura huwa offra lill-appellata, bhal ma offra lill-istudenti l-ohra kollha, li lkoll accettaw, li jkomplu l-kors ma' provider iehor, u ghalhekk l-appellata kellha l-oppportunita' li tkompli l-kors kollu kif kienet ftehmet mal-appellanti; ghalhekk l-appellant mexa bhala bonus *paterfamilias* u haseb sabiex l-istudenti jkomplu l-kors ma' provider iehor bl-istess ammont ta' flus – ghalhekk la darba huwa hekk ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma giex interrotta unilateralment mill-appellant, kif inghad mit-Tribunal, ghaliex huwa offra li l-istudenti jiehdu lura l-flus ta' nofs il-kors li ma kienx sar, u wkoll ghamel l-

arrangamenti sabiex il-kors ikompli normalment ma’ terza persuna.

Illi din il-Qorti fir-rigward tal-appell fuq il-mertu thoss li ma tistax taqbel mal-appellant u dan peress li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet li l-appellant jipprovdi kors lill-appellat, li l-appellant, ghar-ragunijiet tieghu kummercjali, (u allura mhux ghaliex kien kostrett) ghazel li ma jkompliex, u allura huwa unilateralment kiser il-parti tieghu tal-kuntratt li ma kienx lest li jesegwixxi. Ghalhekk f’dan il-kuntest it-Tribunal iddecieda sew li l-appellata ghandha tigi rifuza l-ammont kollu li hija kienet hallset lill-appellant ghat-tieni sena ta’ kors.

Illi huwa veru li l-appellant offra alternattiva lill-istudenti tieghu li setghu ikomplu l-kors ghand provider iehor, izda l-appellata ma kienitx tenuta li taccetta dan ghaliex dan ma kienx il-ftehim li lahqet mal-appellant u l-fatt li  hija ma accettatx l-offerta tal-appellant ghac-cirkostanzi u d-decizjoni li ha huwa ma jiffisirx li hija ghandha tigi b’xi mod penallizata; dan ghaliex il-ftehim kien wiehed car, l-appellant ghazel li ma jesegwiehx kollu, b’mod li allura t-tieni sena ta’ kors ma’ gietx kompletata mill-appellant u allura huwa gust u ekwu li l-appellata tigi rifuza l-ammont kollu li hija hallset ghat-tieni sena tal-istess kors, ghaliex il-ftehim mal-appellant kien li huwa kellhu jipprovdi ghall kors kollu u mhux ghan-nofsu. F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-apprezzament ta’ provi li sar mit-Tribunal kien fil-parametri tal-provi mressqa quddiemu, u ma kien hemm ebda zball manifest li jinduci lil din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel l-istess Tribunal, anzi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi hija, li l-istess Tribunal ta decizjoni ben motivata u tirrispekkja l-provi migbura quddiemu, u l-konkluzjoni li wasal ghaliha hija hekk sorretta mill-provi, u allura seta` jasal, kif wasal ghaliha, u l-ligi giet applikata sew ukoll u allura t-tieni aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ewwel aggravu relatat mal-ispartazzjoni tal-ispejjez din il-Qorti thoss li ghalkemm it-talba attrici ma gietx allura milqugha ghall-ammont kollu pretiz minnha,

dan ma jfissirx li hija kellha tigi akkolta parti mill-ispejjez u dan ghaliex jidher li t-Tribunal iddecieda l-kaz anke b'sens ta' ekwita`, u f'dan is-sens ma kkundannax allura lill-appellant sabiex ihallas lill-appellata l-ammont ta' Lm196 li kienu spejjez li hija kienet ghamlet ghat-tieni sena tal-kors, li gie interrott mill-appellanti. Dan ifisser li fil-verita' ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal li jikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellata dan l-ammont, izda minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal b'sens ta' ekwita' hass li ma kellux jaghmel dan. Din il-Qorti thoss li ghandha tieqaf hawn u kif fit-tieni aggravju qaghdet fuq l-apprezzament tal-provi u l-konsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal, hekk ser taghmel ( u hekk fil-verita' ghandha taghmel) dwar dan l-ewwel aggravju, b'dan li din il-Qorti mhux ser tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-apprezzament tal-provi u allura dan l-aggravju qed jigi wkoll michud u allura l-appell odjern qed jigi respint u d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi qed tigi kkonfermata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mill-appellanti Maurice de Gaetano fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta' Marzu 2011** peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi “Abigail Cassar Aveta vs Maurice de Gaetano li jezercita l-kummerc taht l-isem tad-Ditta “Lasalle Business College” u “Malta Marketing Institute” (Talba Numru 355/2009/YMS) deciza fit-3 ta' Marzu 2011.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Maurice de Gaetano.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------